San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 55 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**it-Tlieta 10 ta' Marzu 2015 fil 5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

Prezenti ghal-laqgha:-

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Raymond Tabone | Sindku |
| 2. | Alex Bezzina | Kunsillier |
| 3. | Graziella Galea | Kunsilliera |
| 4. | Mario Salerno | Kunsillier |
| 5. | Mandy Buhagiar | Kunsilliera |
| 6. | Peter Abela | Kunsillier |
| 7. | Mario Buhagiar | Kunsillier |
| 8. | Anne Fenech | Kunsilliera |
| 9. | Robert Piscopo | Kunsillier |
| 10. | Oliver Mallia | Kunsillier |
| 11. | Jane Chircop | Kunsillier |

Skuzati

| | | |
|---|---|---|
| 12 | John Bray | Kunsillier |
| 13 | Daniel Grima | Kunsillier. |

Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgha.

Il-laqgha bdiet fis-1800.
Is-Sindku Raymond Tabone rringrazzja lill kulhadd tal-attendenza u beda l-laqgha skond l-aĝenda. .

1. **Qari tal-minuti u approvazzjoni.**
Billi l-minuti gew mghotija lill Kunsilliera minn qabel, ma' kienx hemm ghalfejn jinqraw u ghaldaqstant is-Sindku Raymond Tabone staqssa jekk hemm'x korrezzjonijiet.
Graziella Galea qalet li fil-minuti ghandu jitnizzel li kien hemm zbilanc negattiv ta' €12,511 fil-kotba tal-Kunsill. Is-Segretarju spjega li jekk tirreferi ghall pagna 4 tal-financial statements kif imqabbel mas-sena precedenti, l-Kunsill ghalaq is-sena bilanc posittiv ta' €6,378. Minbarra dan il-bilanc hemm ukoll il-bilanc ta' mitejn elf ewro tal-UIF fejn fil-laqgha li jmiss ser tinghata kopja tal-ahhar bilanc.
Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet ukoll li fil-laqgha precedenti kemm hija kif ukoll Daniel Grima astjenew ghall-iskeda tal-pagamenti. Point 5 tal-minuti tal-laqgha precedent – tinbidel il-kelma periklu u titnizzel ostaklu.
Mandy Buhagiar talbet biex tinbidel il-kelma f'pagna 4, biex tinqara "il-Kunsill jiehu hsieb il-pulizija" flok wardens.
Wara dawn il-korrezzjonijiet, il-minuti gew imressqa ghall-approvazzjoni u gew approvati unanimament.

***2 Approvazzjoni tal-iskeda tal-hlasijiet.***
Wara li s-Sindku Raymond Tabone talab jekk hemm'x xi mistoqsijiet fuq l-iskeda tal-hlasijiet u gew spjegati diversi *items* huwa talab ghall-approvazzjoni taghhom. Kulhadd kien favur minbarra l-Kunsilliera Graziella Galea, Robert Piscopo u Anne Fenech li astjenew.

***3 Sospensjoni tal-laqgha.***
*Fil-1830 is-Sindku Raymond Tabone talab ghas-sospensjoni tal-laqgha biex jitkellmu residenti mill-Wardija.*
Is-Sur George Bezzina spjega kif kemm hu kif ukoll residenti ohra mill Wardija mhux kuntenti li x-xoghol tat-triq beda min-naha tan-nicca fi Triq Busewdien. Huwa qal li kien ilhom is-snin ma' jaraw naqra tarmak f'dik it-triq u ghaldaqstant filwaqt li rringrazzjaw lill Kunsill tax-xoghol li wettaq jitolbu li x-xoghol fit-triq jitkompla sal-ahhar. Is-Sindku Raymond Tabone qal li billi l-ammont biex issir it-triq kollha huwa sostanzjali, kien sar qbil mall-Kumitat Amministrattiv biex l-ispejjes jinqasmu fuq tlitt snin halli l-ammont tal-ispejjes ikun maqsum. Ghaldaqstant kemm is-Sindku Raymond Tabone kif ukoll ic-Cermen tal-KAB Simone Aquilina spjegaw li x-xoghol fuq it-triq ser jitkompla fuq fazi ohra.

***4 Progett ta' Triq il-Luzzu – ghazla ta' tender.***
Is-Sindku Raymond Tabone spjega kif il-Kunsill kellu tlitt tenders biex isir il-progett tal-Belvedere fi Triq il-Luzzu bil-kollaborazzjoni tal-MTA li ser jiffinanzjaw dan il-progett.
Dawn kienu – wahda minghand Deluxe Construction Ltd ghas-somma ta' €81,866, ohra minghand Dimbros Ltd ghas-somma ta' €40,963.08 u ohra minghand Santa Katarina Const. Ltd ghas-somma ta' €98,273.07. Billi skond ir-rapport tal-ghazla minghand il-perit tal-Kunsill, fuq tender SPBLC – 1/2015 jirrakkomanda li tigi accettata l-irhas offerta fuq kundizzjoni li jigu ccarati xi punti elenkati f'pagna 3 tal-istess rapport, is-Sindku Raymond Tabone talab votazzjoni. Kien hemm qbil unanimu.

***5 Somma approvata ghall bini amministrattiv gdid.***
Is-Sindku Raymond Tabone spjega kif fis-6 ta' Marzu 2015 saret il-prezentazzjoni mill-bord ta' evalwazzjoni tal-progetti kapitali u l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar inghata l-ammont ta'

€10,000 ghall irrangar tal-kmamar ezistenti fi Triq il-Wileg biex jinbidlu f'ufficini amministrattivi tal-Kunsill Lokali San Pawl. Kopja ta' din l-ittra hija mehmuza ma' dawn il-minuti.

***6 Korsijiet tal-IKIDS.***

Ghall darba' ohra l-Kunsill gie mitlub biex jorganizza korsijiet tal-kompjuter fis-sajf taht il-programm tal-IKIDS. Din il-proposta giet milqugha u ghaldaqstant ghandu jithallas l-ammont ta' €1150 biex jibdew dawn il-korsijiet ghat-tfal.

***7 Kors fuq EU funding.***

Is-Sindku Raymond Tabone spjega kif ser jitnedew sensiela ta' lezzjonijiet fuq fondi tal-Unjoni ewropej u kemm huwa kif ukoll wahda mill-impjegati tal-Kunsill ser jattendu ghall dan l-imsemmi kors fil-granet li gejjin ghall hlas ta' €280 plus VAT kull wiehed u tablet li ser jintuza ghall-materjal edukattiv tal-istess kors. Is-Sindku talab votazzjoni fuq dan u kien hemm qbil unanimu.

***8 Estensjoni tal-bankini***

Is-Sindku spjega li tresqu zewg talbiet ghall-estensjoni tal-bankini biex jitpoggew imwejjed ta' stabbilimenti gewwa San Pawl il-Bahar. Dawn kienu quddiem l-Incognito Restaurant, l-Aquatica u ohra fi Triq ix-Xitwa. Is-Sindku spjega li kif ga saru bosta nhawi ohra l-kunsill jikteb li ma' jsib l-ebda oggezzjoni ghall-dawn l-estensjonijiet diment li jkollhom il-permessi necessarji mill-awtoritajiet koncernati.

***9 Kont pendenti minghand Bonnici Bros.***

Is-Sindku Raymond Tabone spjega kif il-Kunsill ircieva korrispondenza minghand l-avukat f'isem Bonnici Bros biex jithallsu l-ammonti €9730.11 u €656.78 fuq xoghol ta' Toroq li kienu saru fil-legislatura ta' qabel u gew certifikati mill-perit tal-Kunsill stess, pero baqghu ma' thallsux. Is-Sindku spjega li huwa jhoss li mhux gust li ghalkemm forsi kien hemm xi nuqqas ta' ftehim bejn iz-zewg partijiet u x-xoghol sar u sahansitra kien approvat mill perit tal-Kunsill baqghu ma' thallsux. Ghaldaqstant huwa ppropona li jsiru dawn il-pagamenti. Huwa talab ghall approvazzjoni minn dawk prezenti. Kulhadd approva minbarra l-Kunsillier Oliver Mallia u Graziella Galea li astjenew.

***10 Proposta biex minn kuntratt definit isir indefenit.***

Is-Sindku Raymond Tabone spjega li bhall ma' gara qabel l-elezzjoni generali li ghaddiet fejn haddiema mall-Kunsill Lokali fuq kuntratt definit saru tal-post billi l-kuntratt taghhom sar indefinite, huwa jipproponi li jerggha jsir l-istess. Il-Kunsillier Peter Abela qal li huwa jaqbel ma' din il-proposta u jissekonda dan il-proponiment. Il-Vici Sindku Alex Bezzina wkoll jaqbel ma' din il-proposta. Fuq dan ir-rigward intalbet l-approvazzjoni minn dawk prezenti, Mandy Buhagiar, Graziella Galea u Oliver Mallia qalu li jaqblu jekk tinghata l-approvazzjoni mid-dipartiment. Ghaldaqstant kulhadd qabel unanimament.

***11 Kaz fuq l-impjegati u haddiema bi bzonnijiet specjali.***

Gie diskuss il-kaz li kien inqala' meta l-impjegati tal-Kunsill kienu ser jipprezentaw petizzjoni biex ma' jahdmux ma' persuni bi bzonnijiet specjali li ghandna prezentament jahdmu fil-Kunsill. Is-Sindku Raymond Tabone qal li ser jinbidlu l-hinijiet tax-xoghol ta' dawn l-imjegati bi bzonnijiet specjali halli tinstab soluzzjoni ahjar u jaqa' l-kaz li tressaq quddiem il-KNDP. Il-Kunsillier Peter Abela spjega li ghandhom isiru korsijiet lill impjegati tal-Kunsill kif ghandhom jagixxu u jahdmu ma' persuni bi bzonnijiet specjali. Is-Sindku Raymond Tabone qal li ghandu jintesa l-izball u jinghata tahrig f'dan ir-rigward. Il-Kunsilliera Mandy Buhagiar qalet li ghandhom jiehdu tghalima minn dan l-izball u jekk hemm xi isem ghandu jitnehha u ghanda tinkiteb ittra lill KNDP li s-sistema hija hazina. Kulhadd qabel fuq dan.

*__12 Mistoqsija parlamentari fuq sleeping policemen__.*

Is-Sindku Raymond Tabone speja lill Kunsill kif kellna mistoqsija parlamentari fuq kemm hawn sleeping police, fejn qieghdin u meta gew installati. Il-Kunsilliera Graziella Galea qamet minn mal-mejda minhabba konflitt ta' interess.

Is-Sindku Raymond Tabone spjega li minhabba n-natura tal-mistoqsija li tirrikjedi ammont kbir ta' xoghol minhabba li qatt ma' inzammet statistika ta' kemm hawn sleeping police hemm il-bzonn li jitqabbad xi hadd biex joqghod jghoddhom u jirraporta lura lill Kunsill triq, triq fejn qieghdin halli tkun tista' tinghata twegiba fuq dan ir-rigward. Huwa qal li biex isir dan wisq probabbli titla l-ispiza ta' €300 halli jitqabbad persuna ddur il-konfini tal-lokalita. Il-Kunsillier Oliver Mallia offra li jdur huwa biex jigbor l-informazzjoni mehtiega.

*Il-Kunsilliera Graziella Galea dahlet lura fis-1956*

*__13 Progett tal-lattrina pubblika fis-Simenta.__*

Is-Sindku Raymond Tabone qal li jekk issir lattrina fiz-zona maghrufa bhala tas-Simenta gewwa San Pawl ghanda tinghata l-opportunita lill tal-gabbana biex jiehu hsieb il-manteniment taghha. Graziella Galea qalet li ghandu jkun hemm stima qabel tigi approvata u diskussa. Mario Salerno qal li ghandna l-fondi tal-UIF biex jintuzaw ghall din l-inizjattiva u qabel mas-Sindku biex jitqabbad il-perit tal-Kunsill halli jissottometti l-applikazzjoni f'isem il-Kunsill bl-accessibilta ghall persuni bi bzonnijiet specjali.

*__14 Affarijiet ohra.__*

Is-Sindku Raymond Tabone spjega kif hanut lokali xtaq li jesebixxi baqra tal-plastic biex jirriklama l-prodott tieghu u talab permess minghand il-Kunsill biex ikun jista' jaghmel dan. Huwa spjega li ma' jarax li ghandu jkun hemm xi diffikulta minhabba li hemm wisgha bizzejjed fit-tarf tat-triq u ma' jinheliex parkegg. Ghaldaqstant ghandu jinkiteb no objection lill istabbiliment tat-Thirsty Cow f'dan ir-rigward.

*__15 Bye-Laws tal-Kunsill.__*

Is-Sindku Raymond Tabone qal li bhalissa ghadu ghaddej il-process mad-dipartiment biex jigu approvati l-bye-laws li tlestew mill-Kunsill.

*__16 Performance bonus u onorarja tal-Kunsilliera.__*

Is-Sindku Raymond Tabone qal li billi waslet l-ahhar tal-legislatura, huwa tajjeb li dan il-Kunsill jghalaq u jinghataw l-onorarja lill Kunsilliera li ma' jigux eletti darba' ohra flimkien mall-performance bonus ta' 10% lis-Segretarju Ezekuttiv. Kulhadd qabel fuq dan minbarra Graziella Galea li astjeniet. Graziella Galea qalet ukoll li minn mill-Kunsilliera ma' kitibx bil-miktub li mhux ser jattendi m'ghandux jinghata l-onorarja. Billi l-maggoranza qablu, kemm il-performance bonus kif ukoll l-onorja gew approvati.

*__17 Bankini u xogholijiet ohra.__*

Is-Sindku Raymond Tabone qal li tkomplew diversi xogholijiet fil-lokalita u ser jitkomplew biex jissewwew aktar bankini fil-Pwales ukoll.

*__18 Skate Park__*

Is-Sindku qal li tkompla xoghol ta' manteniment fil-Qawra biex il-pjattaforma tal-konkos li hemm hdejn il-kmamar abbandunati fil-parkegg tas-Santana jitranga halli titpogga struttura temporanja tal-Skate Park li ghamel il-Kunsill. Huwa qal li dan ix-xoghol tant kemm intghogob li Skate Park li ga qieghed ikun mimli bi tfal ta' kull eta'.

*__19 Sub-Office tal-Kunsill.__*

Is-Sindku qal li ghandu jinxtara safe ghall-uzu tas-Sub Office u qal ukoll li jipproponi li jibghat skrivana u wahda mill-iskema tal-ETC biex jahdmu fl-istess sub-office. Dawn ser ikunu jahdmu

flimkien ma' haddiema tal-MTA li ser ikunu juzaw dan l-istess ufficju flimkien. Huwa kompla jispjega li minn dan l-ufficju ser jinghataw is-servizzi kollha li joffri l-Kunsill. Wahda minn dawn il-kmamar ser tkun ghall *breast feeding clinic* li ser titnieda bil-kollaborazzjoni mad-dipartiment tas-sahha fil-jiem li gejjin.

***20 Berga fil-lokalita.***

Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellhom laqgha mad-dipartiment tas-sahha biex jistharrgu l-possibilta li l-Kunsill flimkien mad-dipartiment iwettqu xoghol ta' manutenzjoni fil-berga ta' San Pawl il-Bahar. Billi hemm bzonn ta' xoghol sostanzjali ghadhom ghaddejjin id-diskussjonijiet u temporanjament gie maqbul li jitbattal il-post halli tkun tista' tigi evalwata l-ispiza u n-natura ta' xoghol mehtiega f'din il-berga.

***21 Tabelli ta' merhba.***

Is-Sindku Raymond Tabone qal li ser jehlu tabelli ta' Merhba fil-Lokalita ta' San Pawl il-Bahar fil-granet li gejjin. Huwa qal ukoll li ser jehlu wkoll hames arloggi kbar li huma digitali madwar il-lokalita taghna.

***22 Stqarrijiet tal-Kunsilliera.***

*Mandy Buhagiar*. Il-Kunsilliera Mandy Buhagiar qalet li saret laqgha tal-bord tat-turizmu. Hija qalet li gie diskuss ix-xoghol li qieghed isir fuq ir-railings u sotto bank ta' taht. Hija qalet ukoll li ser issir talba ma' TM biex jitrangaw il-*pedestrian crossings* madwar il-*promenade* kollha halli jsiru kif suppost. Graziella Galea qalet li dawn jistghu isiru bid-*dectile system* halli jservu aktar.
Rigward il-Fireworks Festival, il-Kunsilliera Mandy Buhagiar qalet li x-xoghol miexi u l-MTA ser jiehu hsieb l-*entertainment* matul is-serata.
Rigward l-Artisan Market qalet li hemm rispons tajjeb u sahansitra ga hemm 35 stand li kkonfermaw u l-Kunsill mhux ser jonfoq flus.
Mandy Buhagiar staqsiet jekk kienx hemm risposta mid-dipartiment tal-artijiet rigward il-kmamar li hemm wara l-parkegg tas-Santana biex ikunu jistghu jintuzaw mill-iscouts. Fuq dan gie konfermat li ma kellna l-ebda risposta. Hija talbet biex tintbghat ittra ohra. Staqsiet ukolll biex isiru T-bays fi Triq il-Bahhara halli karozzi ma' jabbuzawx u jipparkjaw hazin.

*Graziella Galea*. Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li ghandhom isiru sinjali ta' parkegg fi Triq il-Merluzz u patching fit-toroq specjalment fi Triq il-Luzzu.

*Peter Abela*. Il-Kunsillier Peter Abela, irringrazzja lill Kunsilliera kollha flimkien mall-istaff tal-Kunsill li dejjem ghenu fejn setghu.

*Anne Fenech*. Il-Kunsilliera Anne Fenech qalet li qed ikun hemm hafna vapuri li jankraw fuq is-sikka l-bajda u qalet li l-Kunsill ghandu jitlob lill MEPA biex vapuri kemm jista' jkun ma jankrawx hemm.

*Jane Chircop*- Il-Kunsilliera Jane Chircop qalet grazzi lill kulhadd ghax hija mhux ser terga' tikkontesta minhabba raguni ta' impenji personali u kompliet biex tenniet li hija ser tkun tghin jekk ikun hemm il-bzonn.

*Mario Salerno*. Il-Kunsillier Mario Salerno qal li huwa wkoll jirringrazzja lill kulhadd u jappella lill kulhadd biex izomm il-kalma fl-elezzjonijiet li gejjin.

*Mario Buhagiar*. Il-Kunsillier Mario Buhagiar qal li fil-granet li gejjin ghandu bzonn jibda xoghol fuq qtugh ta' haxix madwar il-lokalita kollha.

*Sindku Raymond Tabone*. Is-Sindku rringrazzja lill kulhadd u qal li ghalkemm kien hemm hafna argument fuq ix-xoghol u bejnietna, l-iskop kien biex isir il-gid fil-lokalita taghna. Huwa kompla l-hidma wara siehbu Mario Salerno u ghalkemm keinet sfida, huwa flimkien mall-Kunsilliera kollha wettqu hafna xoghol.

**23 Aġġornament tal-laqgħa**. Il-laqgħa intemmet fid-9.25pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 27 ta' April fil-5.30pm.

Raymond Tabone MBA- Sindku - Kunsill San Pawl il-Bahar.

Frans Chircop LIMIS, MBA, MPHIL (Maastricht)
Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.